MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 288/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Camilleri bin Joseph u Antonia nee Cassar imwieled il-Marsa fis-27 t'Ottubru 1957, residenti 21, Charlann Triq San Vinċenz Hamrun u li għandu l-akrta tal-identita' bin-numru 711457 (M).

Akkużat talli fit-13 ta' Jannar 2010 għall-ħabta tas-06.20 pm ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, santa Venera, saq vettura bin-numru tar-eġistrazzjoni FAJ 078 (Mazda):

1. u waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixgħel aħmar jew amber u kienet qed tiġi użata mill-pubbliku;

2. kif ukoll saq il-vettura b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont.

3. U aktar talli b'nuqqas ta ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lil George Edward Brightwell u ivolontarjament ikkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifika Dr Bassam Abu Shamala MD mill-MDH kif ukoll ikkaġuna ġrieħi involontarji ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Brightwell skont ma ċċertifika l-istess tabib.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat (illum appellat) ikun skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tat-23 ta' Mejju 2012 li lliberat lill-imputat minn kull ħtija minħabba li l-Qorti ma setgħetx tasal sal-grad tal-konviċiment morali li trid il-Liġi sabiex issib lill-appellat ħati.

Rat l-appell tal-Avukat Ġenerali li kien intavolat fil-11 ta' Ġunju, 2012.

L-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Qorti tal-Maġistrati kienet għamlet apprezzament ħażin tal-provi. Il-Qorti ma kinitx qieset jekk is-sewqan tal-appellat kients traskurat, perikoluż u bla kont. L-appellat laqat liż-żewġ persuni waqt li dawn kienu qed jaqsmu t-triq tant li l-vettura FAJ 078 instabet wieqfa taħt l-istess traffic lights fin-nofs fejn in-nies solitament ikunu jistgħu jaqsmu. Huwa minnu li s-sewqan tal-appellat ma kienx wieħed eċċessiv tant li lanqas brake marks ma tħallew. Iżda l-appellat kien traskurat fis-sewqan u konsegwentement huwa involontarjament ikkaġuna offiżi fqu George Brightwell u Mary Brightwell.

L-appellat ma kienx qed iżomm a proper look out ġaladarba huwa tajjar liż-żewġ persuni waqt li dawn nkienu qed jaqsmu fit-traffic lights. . Min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara jfisser li

ma kienx qed iżomm **'a proper look out.'** Il-konjuġi Brightwell jagħmluha ċara li huma qasmu meta d-dawl kien aħdar.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

**Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

Li mill-affidavit ta' PS 163 R.Azzopardi jirriżulta li huwa kien sab il-karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni FAJ 078 f'pożizzjoni dritta fuq il-lane li jagħti fid-direzzjoni tal-Hamrun. Din kienet wieqfa taħt it-traffic lights li hemm installati fil-post. **Kienet tinsab f'nofs il-biċċa indikata biex in-nies ikunu jistgħu jaqsmu** u kellha għafsa żgħira fuq il-bonnet.

L-appellat kien qal li hu kien qed isuq bil-mod fid-direzzjoni tal-Hamrun meta sab ma' wiċċu żewġ persuni li kienu qasmu minn fuq ix-xellug tiegħu. L-impatt kien wieħed minimu minħabba li hu kien għaddej bil-mod.

Meta x-xhud kien kellem lill-konjuġi Brightwell dawn kienu qalu li huma kienu fuq in-naħa ta' Apap Institute u għafsu l-buttuna tal-lights. X'ħin id-dawl xegħel aħmar għall-karozzi waqfitilhom karozza li kienet sejra lejn il-Hamrun biex huma jkunu jistgħu jaqsmu. Kif waslu f'nofs it-triq ġiet vettura oħra bi speed eċċessiv, qabżet lill-vettura ta' reġistrazzjoni u mudell mhux magħrufa u li kienet wieqfa fuq il-lights u tajrithom.

Skont iċ-ċertifikati tat-tabib Bassam Abu Shamala, Mary Brightwell sofriet frattura fil-humerus waqt li George Edward Brightwell kellu 'a large abrasion on the right elbow.' (Ara wkoll ix-xhieda tat-tabib a fol 37). Fil-każ tal-ewwel offiża, din tista' tiqies bħala ferita gravi skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9filwaqt li it-tieni offiża tista' tiqies bħala offiża ħafifa skont l-artikolu 221 tal-Kap 9.

Xehed PS 163 Robert Azzopardi li meta mar fuq il-post ma sabx lill-allegati vittmi. Il-vettura kienet wieqfa fuq il-biċċa tat-traffic lights minn fejn jaqsmu n-nies. Carmel Camilleri kien qallu li hu kien nieżel bil-mod fid-direzzjoni lejn il-Hamrun minn Santa Venera. Id-dwal kienu ħodor u baqa' nieżel normali. Ħin minnhom qasmu żewġ persuni. Hu sabhom ma' wiċċu u laqathom. Huma waqgħu fuq

il-bonnet tiegħu u imbagħad spiċċaw mal-art. Il-vittmi tal-inċident kienu qalulu li riedu jaqsmu min-naħa ta' Apap Institute għan-naħa tal-knisja. Kienu għafsu l-lights , stennew li jsir aħdar,waqfet vettura oħra mhux magħrufa biex iċċedilhom u bdew jaqsmu. Kif waslu f'nofs it-triq ġiet il-vettura Mazda , qabżet il-vettura li kienet wieqfa u tajrithom. Il-ħabta saret fuq il-biċċa tat-traffic lights fejn jaqsmu n-nies. Filfatt il-karozza kienet wieqfa dritta fuq il-lane tagħha fuq il-biċċa fejn jaqsmu n-nies.

A fol 34 tal-proċess hemm sketch tal-inċident li juri l-karozza FAJ 078 wieqfa b'wara tal-karozza 3.2 metri 'l bogħod mill-arblu tad-dawl.

Mary Brightwell xehdet li kienet qed taqsam fid-direzzjoni tal-knisja l-ġdida ta' Santa Venera. Xegħel id-dawl aħdar u qasmet mar-raġel. Karozza waqfet waqt li ġiet karozza oħra minn wara dik li waqfet, tat daqqa lir-raġel u tefgħetu n-naħa l-oħra. Lilha tatha daqqa u sabet ruħha taħt in-number plates. Biex qasmet hija semgħet il-warning sound. Ix-xhud qalet li huma jgħixu Santa Venera u jużaw dawk il-lights ħafna drabi. Il-karozza li laqtithom kienet fuq s-side tagħha iżda ġiet minn wara l-karozza li waqfet. Meta ttajret, kienet qasmet biċċa żgħira mit-triq. Huma ntlaqtu eżatt kif għaddew il-karozza li kienet wieqfa. Huma ma ntlaqtux viċin in-nofs.

Xehed ukoll George Edward Brightwell kkonferma li kienu qasmu meta d-dawl kien aħdar. Il-karozzi kienu waqfu. Il-karozza li laqtithom ġiet minn wara dik li kienet wieqfa, **dar fuq in-naħa ta' ġewwa** u għollieh żewġ metri. Il-marra spiċċat wiċċha taħt in-number plate tal-karozza li laqtithom. Huma ntlaqtu 'l ġewwa lejn il-bankina.

**L-artikoli tal-Avukat Ġenerali**

A fol 53 jinsabu l-artikolu mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

**Ix-xhieda tal-appellant**

L-imputat xehed fil-21 ta' Marzu 2012. Huwa qal li kif qabeż il-pole tal-light li kien aħdar meta min-naħa ta' Apap Institute ħarġulu żewġt ixjuħ. Huwa kien qed isuq bil-mod minħabba t-traffiku qawwi li kien hemm. Iż-żewġt ixjuħ straħu mal-karozza. Il-mara għamlet għafsa b'idejha mal-karozza u niżlet bilqegħda mal-art. Huwa qal li f'dik it-triq joqogħdu żewġ karozzi u nofs. Li kieku x-xhud għamel dak li qalu x-xhieda ma kienx possibbli għalih li jerġa' jiġi mal-bankina. Huwa ċaħad li kien fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Id-dwal kienu ħodor u għalhekk huwa seta' jsuq. Li kieku kien għaddej gas down Mrs Brightwell ma kinitx tweġġa' idha biss. Is-soċjeta' tal-assigurazzjoni tiegħu ma kinitx ħallset lill-allegata vittma u lilu ma kinitx kellmitu iżda huwa kien kellem lill-insurance tiegħu.

Fil-kontro-eżami qal li ma kienx veru li għaddew minn quddiem karozza oħra. Huma kienu spiċċaw fuq il-bonnet tal-karozza tiegħu għaliex inħasdu u strieħu fuq il-karozza tiegħu. Ix-xiħa kienet niżlet bilqegħda quddiem il-karozza tiegħu u x-xhud baqa' jiċħad li huwa tajjarha. Ix-xhud baqa' jiċħad li l-allegati vittmi kienu għaddew minn quddiem karozza oħra.

Ikkonsidrat

Fit-tmiem tas-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati qalet hekk:

'Illi minn dak li xehdu x-xjuħ mtajra, suppost li l-vettura qalgħet minn ġewwa. Dan ma ġiex rifless fl-siketch esibit li ma jurix spazju biżżejjed bejn il-vettura fejn misjuba u t-tarf tat-triiq. Fil-fatt l-unika xhieda li baqa' hija dik tal-imputat u tal-feruti – xhieda għal kollox kontradittorja. Frankament din il-Qorti ma tsitax tasal sal-grad li trid il-Liġi għall-konviċiment morali li Carmel Camilleri hua ħati. Għaldaqstant qegħda tilliberah mill-akkużi kif dedotti kontra tiegħu.

L-Avukat Ġenerali qiegħed jibbaża l-appell tiegħu fuq il-konsiderazzjoni li ż-żewġti ixjuħ kienu qed jaqsmu fuq iz-zebra crossing u għalhekk, la s-sewwieq kien tant qrib ta' zebra crossing huwa kellu jżomm a proper look out.

**Ġurisprudenza dwar is-sewqan.**

Għal dik li hija dottrina dwar is-sewqan, din il-Qorti qed tirriferi b'mod estensiv għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Noel Gauci' tal-25 ta' Marzu, 2004. Qed tagħżel din is-sentenza minħabba li fiha rassenja tajba tal-ġurisprudenza dwar il-punti legali li jolqtu dan il-każ.

'Illi ġie ritenut minn din il-Qorti li jekk sewqan hux (1) negligenti ; jew (2) bla kont jew (3) perikoluż hija kwistjoni ta' "*degree*" (App. Krim. **Pol. vs. Charles Bartolo** ,

14.3.59; **Pul vs. Wilson** , [Vol. XXXIX , p.1018]; **Pul. vs. Alfred Vella** ,[ Vol. XLIV , p. 933 u oħrajn]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom - l-agħar is-sewqan perioluż (App. Krim. **Pol. vs. Hardingham** ,[ 19.10.63] ) . Illi

ukoll gie ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness*" (App. Krim. **Pol. vs. Charles Farrugia** , [Vol. XXXIX , iv. p.1018] ) . "*Recklessness*" ġiet definite bħala *"wilfully shutting one's eye*" (App. Krim. "**Pul vs. Joseph Aqulina**" [ 20.4.63] ) Sewqan negliġenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri ,[** Vol. XLIV. iv . p.892]…………

xorta waħda wieħed irid jindaga jekk l-appellant kienx ħati ta' xi sewqan ħażin fi grad inferjuri kompriz u involut fir-reat aktar serju ta' sewqan perikoluż………. .

Ġie appropositu ritenut li "hu dover ta' driver *"to see what is in plain view*" (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella**" [10.8.1963]) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara ifisser li ma kienx qed iżomm "*a proper lookout*" (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961]). Illi fi "**Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd"** (1968) , Il-Qrati Inglizi kienu irritenew li :-

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead* **–** *it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity . A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area , of the pavements on the side of the road as well."*

Meta l-appellant xehed li ma rax lil Galea qed taqsam it-triq minn quddiemu ma kienx qed jaghti spjegazzjoni plawsibbli għal dak li ġara, ghaliex kieku kien qed izomm "a proper lookout" zgur li f'xi hin kien jara lil Galea il quddiem minnu , jew fuq il-bankina , jew ser tinzel minn fuq il-bankina , jew addirittura qed taqsam minn quddiem il-car tieghu. Ma hemmx dubju f' mohh din il-Qorti li dan in-nuqqas tieghu li jara sew x' qed jigri quddiemu kien kawza prossima u determinanti tal-inċident . L-appellant qed jilmenta wkoll li hu kien inhasad bil-mod kif qasmitlu Galea u li speci kien rinfaċċjat minn emerġenza subitanea. ……Tirriżulta t-traskuraġni li hija kompriza u involuta fis-sewqan perikoluż, konsistenti fin-nuqqas ta' "*proper lookout*".

**Applikazzjoni tal-prinċipji għall-każ odjern**

L-ewwelnett l-eta' tal-allegati vittmi meta ġara l-inċident fis-sena 2010 kienet ta' 69 u 73 rispettivament.

It-tieni element huwa l-isketch u kif xehed PS 163 R Azzopardi dwar fejn instabet il-karozza tal-appellant

'**Kienet tinsab f'nofs il-biċċa indikata biex in-nies ikunu jistgħu jaqsmu** u kellha għafsa żgħira fuq il-bonnet.'

It-tielet element huwa l-isketch. Il-Qorti fliet sew l-isketch (a fol 8). It-triq fiha anqas minn 9 metri u nofs (skont l-iskala mogħtija fuq l-isketch). Min-naħa ta' wara, i**l-ġenb** tal-karozza huwa madwar metru u nofs 'il bogħod mill-bankina waqt li min-naħa ta' quddiem hemm bejn wieħed u ieħor l-istess distanza.

Ir-raba' element huwa li ma nstabu ebda brake marks u ebda sinjali li kien hemm xi sewqan eċċessiv jew bla kont. Filfatt ix-xhud baqa' jinsisti li huwa kien qed isuq kemm, kemm jiċċaqlaq.

Il-ħames element huwa jekk kienx hemm xi karozza li waqfet liż-żewġ allegati vittmi sabiex jaqsmu u li l-appellat qalagħha. Id-difiża ssottomettiet li kieku tali karozza eżistiet kieku x-xufier kien jaqaf malli jara l-inċident. L-appellant insista li din ma setgħetx tkun hemm għaliex kieku l-inċident kien iseħħ mod ieħor u hu ma kienx jispiċċa fil-kareġġjata tiegħu iħares lejn il-Hamrun.

Is-sitt element huwa li d-dawl kien aħdar. L-allegati vittmi qalu li d-dawl kien aħdar u l-appellat qal li d-dawl kien aħdar biex isuq. S'intendi dan ma setax ikun għaliex kieku kien hekk kien ikun hemm kaos sħiħ. Xi ħadd mhux qed ikun eżatt. Waħda mill-allegati vittmi xehdet li semgħet il-ħoss biex wieħed jaqsam. Madanakollu hemm diffikolta' biex wieħed ikun moralment ċert dwar min qed jgħid il-verita' dwar id-dawl. Dan ma jfissirx li kull konflitt fil-provi jwassal għal-liberatorja. **Iżda f'dan il-każ il-Qorti qed tiddeċiedi billi, bħall-Ewwel Qorti, tillibera lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni.**

Is-seba' element huwa li m'hemmx dubju li l-allegati vittmi kienu qed jaqsmu fuq iz-zebra crossing.

It-tmien element huwa li jekk sar xi surpass (jekk qatt sar) dan mhux bilfors li jsir min-naħa ta' ġewwa. Biss dan ma setax seħħ fil-karreġġjata l-oħra tat-triq. Dan jirriżulta kemm mill-iskeċċkif ukoll minn kif intqal fix-xhieda tal-allegati vittmi.

Id-disa' element huwa li jekk l-appellat kienx qed iżomm 'a proper look out.' Fil-fehma ta' din il-Qorti, ġaladarba kien qed iqarreb lejn zebra crossing, l-appellat kellu joqgħod aktar attent għaliex ħin bla waqt jista' jaqsamlek xi ħadd. Il-Qorti għarblet sew l-isketch – u kien fuq dan li għamel is-sottomissjonijiet l-Avukat Ġenerali. Jidher li bejn il-point of impact u l-arbla ta' mal-ġenb kien hemm 2.9 metres. Dan fi triq li mhix usa minn 9 metri u nofs u għalhekk in-nofs tat-triq jiġi bejn wieħed u ieħor madwar 4.75 metri. Jekk l-impatt sar f'punt 2.9 metri 'l bogħod mill-bankina, m'hemmx l-iskuża li l-allegati vittmi kienu qrib tal-bankina u qabdu u qasmu. Għall-wisgħa ta' dik it-triq kienu ċċaqilqu u ma ntlaqtux eżatt taħt il-bankina. Għalhekk ma kienx hemm dak l-element ta' ħasda li ma setax ikun evitat bi proprer look out. **U din l-osservazzjoni tgħodd ukoll fil-każ li wieħed jaċċetta l-verżjoni tal-appellat li d-dawl kien aħdar għalih u seta' jibqa' jsuq**. Ma jirriżultax lill-Qorti li l-allegati vittmi qabdu u qasmu u, kif diġa' ntqal, mill-isketch jirriżulta li kienu mxew biċċa sew miż-żebra crossing. Għalhekk waqt li l-Qorti qed tikkonferma dak li stabbiliet il-Qorti tal-Maġistrati li l-appellat ma kienx qed isuq b'mod perikoluż jew bla kont, huwa ma kienx qed iżomm 'a proper look out' u għalhekk kien qed isuq b'mod traksurat. Isegwi li l-appellat huwa ħati biss tal-ewwel parti jew dik immarkata (a) tat-tieni imputazzjoni.

It-tielet imputazzjoni – l-offiżi sofferti mill-allegati vittmi – ġew ippruvati .Għalhekk din il-Qorti qed issib lill-appellat ħati tagħha.

**Konklużjoni**

Il-Qorti għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-23 ta' Mejju 2012 billi tikkonfermaha fejn il-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-appellat mill-ewwel imptuazzjoni u fejn illiberatu mill-partijiet (b) u (ċ) tat-tieni imputazzjoni iżda qed tirriformaha billi tħassarha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-parti (a) tat-tieni imputazzjoni kif ukoll mit-tielet imputazzjoni u fejn illiberatu minn kull ħtija u minflok qed issibu ħati tal-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni (dik immarkata (a)) u qed issibu ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni ai termini tal-artikolu 226(1)(b)(ċ) u 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 [1]u, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 minħabba li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fit-tielet imputazzjoni qed tikkundannah, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, għall-ħlas ta' multa ta' €500 u qed tiskwalifikah milli jkollu xi liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet xhur. Dawn it-tliet xhur jibdew iseħħu min-nofs il-lejl u minuta tal-4 ta' Marzu, 2014.

[1] L-Avukat Ġenerali semma dawn l-artikoli. Ma hemmx prova li kien hemm xi ħtija taħt l-artikolu 226(1)(a) u lanqas taħt ir-regolament 125 tal-Leġislazzjoni sussidjarja 65.11. M'hemmx referenza għall-artikolu 30 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------